EGESIF_14-0021-00
16/06/2014

KUMMISSJONI EWROPEA
DIRETTORAT ĠENERALI

Il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESIF).

Gwida għall-Istati Membri u l-Awtoritajiet tal-Programm

# Il-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Frodi u Miżuri Effettivi u Proporzjonati Kontra l-Frodi

Ġunju 2014

**DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ:**

*"Dan huwa dokument ta' ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika għall-awtoritajiet pubbliċi, il-professjonisti, il-benefiċjarji jew il-benefiċjarji potenzjali, u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex titħeġġeġ prassi tajba. Madankollu, din in-nota ta' gwida hija bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni."*

**Werrej**


LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET ........ 3

1. INTRODUZZJONI ........ 5

   1.1. Sfond ........ 5

   1.2. Politika proattiva, strutturata u approċċ immirat għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi ........ 6

2. DEFINIZZJONIJIET ........ 7

   2.1. 2.1. Definizzjoni ta' irregolarità ........ 7

   2.2. 2.2. Definizzjoni ta' frodi fit-Trattat ........ 7

   2.3. Id-definizzjoni ta' korruzzjoni ........ 8

3. AWTOVALUTAZZJONI TAR-RISKJI TAL-FRODI ........ 8

   3.1. L-għodda ........ 8

   3.2. Il-kompożizzjoni tat-tim ta' awtovalutazzjoni ........ 9

   3.3. Frekwenza tal-awtovalutazzjoni ........ 10

4. GWIDA DWAR IL-ĦTIĠIJIET MINIMI GĦAL MIŻURI KONTRA L-FRODI EFFETTIVI U PROPORZJONALI ........ 10

   4.1. Il-politika kontra l-frodi ........ 11

   4.2. Prevenzjoni ........ 11

      4.2.1. Il-kultura etika ........ 12

      4.2.2. L-allokazzjoni tar-responsabilitajiet ........ 13

      4.2.3. It-taħriġ u t-tqajjim tal-kuxjenza ........ 13

      4.2.4. Is-sistemi ta' kontroll intern ........ 13

      4.2.5. L-analitika tad-dejta u l-għodda ARACHNE ........ 13

   4.3. Detezzjoni u rappurtar ........ 14

      4.3.1. L-iżvilupp ta' mentalità xierqa ........ 15

      4.3.2. L-indikaturi ta' frodi (il-bnadar ħomor) ........ 15

   4.4. L-investigazzjoni, il-korrezzjoni u l-prosekuzzjoni ........ 16

      4.4.1. L-irkupru u l-prosekuzzjoni kriminali ........ 16

      4.4.2. Is-segwitu ........ 17

5. AWDITU MILL-AWTORITÀ TAL-AWDITJAR TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU TAL-FRODI TAL-AWTORITÀ AMMINISTRATTIVA U L-MIŻURI KONTRA L-FRODI TAGĦHA ........ 17

   5.1. Il-lista ta' kontroll għall-Awtorità tal-Awditjar ........ 17

   5.2. Il-frekwenza ta' verifika mill-Awtorità tal-Awditjar ........ 17

**Annex 1** L-għodda ta' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi u istruzzjonijiet dwar kif tintuża l-għodda
**Annex 2** Kontrolli ta' mitigazzjoni rakkomandati
**Annex 3** Mudell għall-politika kontra l-frodi
**Annex 4** Lista ta' kontroll għall-Awtorità tal-Awditjar

## LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

AA – Awtorità tal-Awditjar

CA – Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni

Ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni "CPR - Common Provisions Regulation"(ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006)

FEŻR – Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

FSE – Fond Soċjali Ewropew

Ir-Regolament Finanzjarju - Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej

"il-Fondi" — għal dan id-dokument b'mod speċifiku, dan ifisser: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

IB – Korp Intermedju

MA – Awtorità Amministrattiva

OLAF - Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din in-nota ta' gwida tipprovdi għajnuna u rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet Amministrattivi (MAs) għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 125(4)(c) CPR, li jistabbilixxi illi l-Awtorità Amministrattiva għandhu jkollha miżuri ta' kontra l-frodi effettivi u proporzjonati li jinkludu r-riskji identifikati. Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll gwida għall-verifika tal-konformità mill-Awtorità tal-Awditjar (AA) tal-Awtorità Amministrattiva ma’ dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Awtoritajiet Amministrattivi jadottaw approċċ **proattiv, strutturat u mmirat biex jamministraw ir-riskju ta’ frodi**. Għall-Fondi, l-objettiv għandu jkun miżuri proattivi u proporzjonati kontra l-frodi b’mezzi kosteffettivi. L-awtoritajiet kollha tal-programm għandhom ikunu impenjati għal tolleranza żero għall-frodi, li tibda bl-adozzjoni ta’ t-**ton korrett mill-bidu nett**. Il-valutazzjoni tar-riskji mmirati sew, flimkien ma' impenn ikkomunikat b’mod ċar biex tiġi miġġielda l-frodi jista’ jibgħat messaġġ ċar lil dawk li jwettqu l-frodi potenzjali. Sistemi ta’ kontroll b’saħħithom implimentati b'mod effettiv jistgħu jnaqqsu sew ir-riskji ta’ frodi, iżda ma jistgħux jeliminaw kompletament ir-riskju li jseħħ frodi jew li jibqgħu ma jinstabux. Din hija r-raġuni għalfejn is-sistemi jridu jiżguraw ukoll li jkun hemm proċeduri fis-seħħ sabiex jikxfu l-frodi u biex jittieħdu miżuri xierqa f'każ li frodi suspettat jiġi skopert. Il-gwida hija maħsuba biex tgħin bħala gwida pass pass biex jiġu indirizzati kwalunkwe każijiet ta’ frodi ladarba jkunu stabbiliti l-miżuri ta’ ġestjoni finanzjarja sana u huma implimentati b’mod effettiv. Madankollu, l-għan ġenerali tad-dispożizzjonijiet regolatorji huwa ġestjoni tar-riskju tal-frodi kosteffikaċi u l-implimentazzjoni ta’ miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, li fil-prattika tfisser **approċċ immirat u differenzjat għal kull programm u sitwazzjoni.**

Għalhekk, l-għodda ta’ awtovalutazzjoni tar-riskji ta’ frodi, li hu mehmuż ma’ din in-nota ta’ gwida, flimkien ma’ struzzjonijiet dettaljati, tista’ tintuża għall-valutazzjoni tal-impatt u l-probabilità li jseħħu riskji ta’ frodi komuni. It-tieni, il-gwida tindika l-kontrolli mitiganti rakkomandati li jistgħu jgħinu sabiex jitrażżnu iktar ir-riskji li fadal, li għadhom ma ġewx indirizzati b’mod effettiv mill-kontrolli attwali. L-għan operattiv għall-Awtorità Amministrattiva għandha tkun li tagħti rispons għall-frodi li huma proporzjonati għar-riskji u mfassla għal sitwazzjonijiet speċifiċi relatati mal-prestazzjoni tal-Fondi fi programm partikolari jew reġjun. B’mod partikolari, wara din il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontrolli ta’ prevenzjoni relatati implimentati fil-livell ta’ sistema, l-Awtoritajiet Amministrattivi huma rrakkomandati biex jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu fil-livell tal-implimentazzjoni ta’ operazzjonijiet billi jkomplu jiżviluppaw indikaturi speċifiċi ta’ frodi (il-bnadar ħomor) u billi jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni effettivi bejn l-Awtorità Amministrattiva, l-Awtorità tal-Awditjar u korpi investigattivi. Il-Kummissjoni se tgħin ukoll l-Istati Membri billi toffri għodda ta’ evalwazzjoni tar-riskju speċifika, ARACHNE, li ser tgħin biex tidentifikaw, tipprevjeni u tikxef operazzjonijiet proġetti, benefiċjarji u kuntratti/kuntratturi riskjużi u se sservi wkoll bħala strument ta’ prevenzjoni.

L-awtovalutazzjoni tar-riskji ta’ frodi, proposta mill-Kummissjoni hija sempliċi, loġika u prattika u hija bbażata fuq ħames passi metodoloġiċi ewlenin:

1. Il-kwantifikazzjoni tar-riskju li ċerta tip ta’ frodi tista’ sseħħ permezz ta’ valutazzjoni tal-impatt u l-probabilità ta’ riskji (riskju gross).
2. Valutazzjoni tal-effettività tal-kontrolli attwali fis-seħħ biex timmitiga r-riskju gross.

3. Valutazzjoni tar-riskju nett wara li jitqies l-effett ta’ kwalunkwe kontrolli attwali u l-effettività tagħhom jiġifieri kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa (riskju residwali).
4. Valutazzjoni tal-effett tal-kontrolli ta’ mitigazzjoni ppjanati fuq ir-riskju nett (residwali).
5. Id-definizzjoni ta’ riskju fil-mira, jiġifieri l-livell ta’ riskju li l-Awtorità Amministrattiva kkunsidrat tollerabbli wara li l-kontrolli kollha jinsabu fis-seħħ u huma effettivi.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni bi ħsiebha tniedi appoġġ immirat kontinwu, meta meħtieġ, biex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 125(4)(c) CPR u din il-gwida.

# 1. INTRODUZZJONI

## 1.1. Sfond

Skont l-Artikolu 59(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji, inklużi dawk leġislattivi, regolatorji u amministrattivi, biex iħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b’mod partikolari billi jipprevjenu, isibu u jikkoreġu irregolaritajiet u frodi.

Is-CPR jinkludi rekwiżiti speċifiċi b’rabta mar-responsabilità tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-frodi. Din il-gwida dwar il-ġestjoni tar-riskji ta’ frodi hija indirizzata lill-Awtoritajiet Amministrattivi u l-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS).

Minbarra l-Artikolu 72(h) CPR, li jistabbilixxi illi s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għandhom jipprovdu għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż il-frodi, u l-irkupru ta' ammont mħallsin bi żball, flimkien ma kull interess, l-Artikolu 125(4)(c) CPR jistabbilixxi illi l-Awtorità Amministrattiva għandhu jkollha miżuri ta' kontra l-frodi effettivi u proporzjonati li jinkludu r-riskji identifikati.

Ir-riskji tal-frodi u l-korruzzjoni għandhom jiġu ġestiti b’mod xieraq. L-Awtoritajiet Amministrattivi għandhom ir-responsabilità li juru li tentattivi ta’ frodi fuq il-baġit tal-UE huma inaċċettabbli u mhux ser ikunu ttollerati. L-indirizzar tal-frodi, u l-kawżi u l-konsegwenzi tagħha, hija sfida sinifikanti għal kwalunkwe amministrazzjoni, minħabba li l-frodi hija mfassla biex tevita d-detezzjoni. L-Awtorità Amministrattiva hija avżata wkoll tieħu nota tal-*Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni*[1] *ta' Transparency International u r-rapport kontra l-frodi tal-UE imħejji mill-Kummissjoni*[2]*, meta tevalwa sa fejn l-ambjent operattiv ġenerali tagħha jiġi perċepit espos għall-korruzzjoni u frodi potenzjali.*

Il-potenzjal għal frodi ma jistax ikun injorat u għandu jkun meqjus bħala sett ta’ riskji li jridu jiġu mmaniġġjati b’mod adegwat flimkien ma’ riskji tan-negozju oħra jew avvenimenti potenzjalment negattivi. Il-valutazzjoni tar-riskji ta’ frodi tista’ għalhekk titwettaq bl-użu ta’ prinċipji u għodod eżistenti ta’ ġestjoni tar-riskji.

1 http://cpi.transparency.org/cpi2012

2 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-6 ta’ Ġunju 2011 - Il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni fl-UE (COM(2011)308 finali).

Sistemi ta' kontroll b'saħħithom effettivament implimentati jistgħu jnaqqsu r-riskju li l-frodi sseħħ jew tibqa' mhux detetta, iżda ma tistax tiġi eliminata l-probabilità li sseħħ frodi. L-għan ġenerali għandu jkun li jiġu ndirizzati l-akbar riskji ta' frodi b'mod immirat, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li - minbarra rekwiżiti ta' referenza - il-benefiċċju ġenerali ta' kull miżura addizzjonali kontra l-frodi jrid jaqbeż l-ispejjeż globali tagħha (il-prinċipju tal-proporzjonalità), b'kont meħud ukoll tal-ispiża għolja marbuta mal-frodi u l-korruzzjoni.
Sabiex tivvaluta l-impatt u l-probabilità ta' kwalunkwe riskji potenzjali ta' frodi li jistgħu jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Awtoritajiet Amministrattivi jużaw l-għodda ta' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi mehmuża fl-**Anness 1**. Il-valutazzjoni għandha ssir minn tim ta' awtovalutazzjoni stabbilit mill-Awtorità Amministrattiva[3]. Il-lista ta' kontrolli ta' mitigazzjoni rakkomandati iżda mhux vinkolanti li l-Awtorità Amministrattiva tista' tistabilixxi, b'rispons għal kwalunkwe riskji li jkun jifdal, hija indikata fl-**Anness 2**. Dawn il-miżuri proporzjonati jistgħu jgħinu biex ikomplu jittaffew ir-riskji li jkun jifdal identifikati fl-awtovalutazzjoni, li jkunu għadhom ma ġewx indirizzati b'mod effettiv mill-kontrolli li jeżistu llum.

Barra minn hekk, fl-**Anness 3** hemm propost ukoll mudell volontarju ta' dikjarazzjoni ta' politika kontra l-frodi, għall-benefiċċju ta' dawk l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni li jixtiequ jistabbilixxu l-programmi ta' kontra l-frodi tagħhom f'dikjarazzjoni ta' politika, li tikkomunika internament u esternament l-pożizzjoni uffiċjali tagħhom fir-rigward tal-frodi u l-korruzzjoni.

Sabiex tikkumplimenta din il-gwida, il-Kummissjoni tipprovdi wkoll gwida għal verifika tal-Awtorità tal-Awditjar tal-ħidma mwettqa mill-Awtorità Amministrattiva fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskji ta' frodi u l-miżuri korrispondenti li għandha fis-seħħ biex itaffu r-riskji tal-frodi. Il-listi ta' kontroll fl-**Anness 4** jistgħu jkunu utli fid-dawl tas-sistemi ta' verifiki li għandhom jitwettqu mill-Awtoritajiet tal-Awditjar skont l-Artikolu 127 CPR. Dawn se jintużaw għal skopijiet ta' valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni stess u jistgħu jkunu utli wkoll għall-iskop tar-rapport u l-opinjoni tal-korp indipendenti ta' verifika responsabbli għall-valutazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll fid-dawl tad-deżinjazzjoni tal-Awtoritajiet Amministrattivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 124(2) CPR.

## 1.2. Politika proattiva, strutturata u approċċ immirat għall-ġestjoni tar-riskju ta' frodi

L-għodda prattika mehmuża ta' awtovalutazzjoni tar-riskju tal-frodi hija mmirata lejn is-sitwazzjonijiet fejn proċessi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-programmi jistgħu jkunu l-aktar suxxettibbli għal manipulazzjonijiet ta' frodi minn individwi jew organizzazzjonijiet, inkluża l-kriminalità organizzata, il-valutazzjoni ta' kemm hu probabbli u kif dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jkunu serji u, dak li qed isir bħalissa mill-Awtorità Amministrattiva biex dawn jiġu indirizzati. Tliet proċessi ewlenin meqjusa li huma l-aktar esposti għal riskji ta' frodi speċifiċi huma mmirati:

- l-għażla tal-applikanti;
- l-implimentazzjoni u l-verifika tal-operazzjonijiet;

[3] Fil-każ tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, peress illi l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni huma responsabbli għall-funzjonijiet kollha, il-valutazzjoni tar-riskji għandha tqis ir-riskji ta' frodi fl-oqsma kollha tal-programm u għandhom ifittxu li jiżguraw li jkun hemm miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, kif meħtieġ.

- iċ-ċertifikazzjoni u l-ħlasijiet.

L-aħħar riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi huwa l-identifikazzjoni ta' dawk ir-riskji speċifiċi fejn l-awtovalutazzjoni tikkonkludi li mhux qed isir biżżejjed biex titnaqqas il-probabbiltà jew l-impatt ta' attività potenzjalment frodulenti għal livell aċċettabbli. Din il-valutazzjoni mbagħad se tifforma l-bażi għal rispons għan-nuqqasijiet billi jintgħażlu miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi mil-lista ta' kontrolli ta' mitigazzjoni rakkomandati. F'xi każijiet, il-konklużjoni tista' tkun li l-parti l-kbira tar-riskji residwi ġew indirizzati u li għalhekk, ftit ħafna huma l-miżuri addizzjonali meħtieġa kontra l-frodi , jekk ikun hemm. Fix-xenarji ta' valutazzjoni kollha, ikun mistenni illi l-Awtorità Amministrattiva tagħti raġunijiet biex issostni l-konklużjonijiet tagħha.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

Din il-valutazzjoni tar-riskju għandha x'taqsam biss ma' riskji ta' frodi speċifiċi, mhux ma' irregolaritajiet. **Madankollu, indirettament, l-implimentazzjoni effettiva ta' dan l-eżerċizzju jista' jkollha impatt fuq il-prevenzjoni u s-sejbien ta' irregolaritajiet inġenerali**, mifhum bħala kategorija akbar mill-frodi.

Huwa l-element ta' intenzjoni li jiddistingwi frodi minn irregolarità[4].

### 2.1. 2.1. Definizzjoni ta' irregolarità

Għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995[5] dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, it-terminu irregolarità huwa kunċett wiesa' u jkopri kemm irregolaritajiet intenzjonali kif ukoll dawk mhux intenzjonali li jkunu saru minn operaturi ekonomiċi.

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2988/95 jiddefinixxi "**irregolarità**" bħala:

*"kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunità jew il-baġit immexxi minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata".*

### 2.2. 2.2. Definizzjoni ta' frodi fit-Trattat

Il-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji[6] tal-Komunitajiet Ewropej tiddefinixxi "**frodi**", fir-rigward tal-infiq, bħala kull att jew omissjoni intenzjonali relatata ma':

---

4 Ir-raġunijiet wara mġiba frodulenti ġew trattati f'COCOF 09/0003/00 tat- 18.2.2009 - Nota ta' Informazzjoni dwar Indikaturi ta' Frodi għall-FEŻR, il-FSE u l-FK.

5 ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

6 ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

*"- l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti, li jkollhom bħala effett il-miżapproprjazzjoni jew iż-żamma bla dritt ta' fondi mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew mill-baġits amministrati minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej*;

*- in-nuqqas li tinkixef informazzjoni bi ksur ta' xi obbligu speċifiku, bl-istess effett;*

*- l-użu ħażin ta' fondi bħal dawn għal finijiet għajr dawk li kienu ingħataw oriġinarjment".*

**2.3. Id-definizzjoni ta' korruzzjoni**

Definizzjoni wiesgħa ta' korruzzjoni użata mill-Kummissjoni hija abbuż ta' pożizzjoni (pubblika) għal gwadann privat. Pagamenti korrotti jiffaċilitaw bosta tipi oħra ta' frodi, bħal fatturi foloz, infiq li fir-realtà ma jkunx jeżisti jew in-nuqqas li jintlaħqu l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. L-aktar forma komuni ta' korruzzjoni hija pagamenti korrotti jew vantaġġi oħra; riċevitur (korruzzjoni passiva) jaċċetta tixħim minn ħaddieħor (korruzzjoni attiva) bi skambju għal favur.

3. AWTOVALUTAZZJONI TAR-RISKJI TAL-FRODI

**3.1. L-għodda**

L-għan ewlieni tal-għodda ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, fl-**Anness 1** hija l-faċilitazzjoni ta' awtovalutazzjoni mill-awtorità amministrativa tal-impatt u l-probabilità ta' xenarji speċifiċi ta' frodi li jokkorru. Ir-riskji ta' frodi speċifiċi li għandhom ikunu vvalutati ġew identifikati permezz tal-għarfien ta' qabel ta' każijiet ta' frodi li ltaqgħu magħhom fil-politika ta' koeżjoni, kif ukoll skemi ta' frodi rikorrenti u rikonoxxuti b'mod komuni. Fi kliem ieħor, l-għodda ġiet mimlija b'sett ta' riskji speċifiċi rikonoxxuti. Kwalunkwe riskji oħra magħrufa għall-programm speċifiku/reġjun li għaddej minn valutazzjoni għandhom jiżdiedu mit-tim ta' awtovalutazzjoni (ara t-taqsima 3.2 hawn taħt).

**Il-gwida fl-Anness 1 tispjega fid-dettall kif għandhom jiġu kkompletati l-għodda ta' valutazzjoni ta' riskju ta' frodi.**

L-għodda tkopri l-probabilità u l-impatt ta' riskji ta' frodi speċifiċi u rikonoxxuti b'mod komuni li huma rilevanti b'mod partikolari fil-proċessi ewlenin:

- għażla tal-applikanti (worksheet 1 tal-ispreadsheet);
- l-implimentazzjoni tal-proġetti mill-benefiċjarji, li tiffoka fuq l-akkwist pubbliku u l-ispejjeż tax-xogħol (worksheet 2);
- ċertifikazzjoni tal-ispejjeż mill-Awtorità Amministrattiva u pagamenti (worksheet 3).

Kull taqsima hija preċeduta b'kopertina, li telenka r-riskji speċifiċi rilevanti għal dik it-taqsima.

Barra minn hekk, l-Awtorità Amministrattiva hija rakkomandata li tevalwa r-riskji tal-frodi ġenerali fir-rigward tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku li tista' tamministra direttament, pereżempju fil-kuntest tal-akkwist ta' assistenza teknika (worksheet 4). Jekk l-Awtorità Amministrattiva ma twettaq l-ebda akkwist pubbliku li għalih tkun meħtieġa valutazzjoni tar-riskju tal-frodi, it-taqsima 4 m'għandhiex għalfejn timtela.

Il-metodoloġija għal din il-valutazzjoni tar-riskji għandha **ħames passi ewlenin**:




Għal kull wieħed mir-riskji speċifiċi, l-objettiv ġenerali huwa li jivvaluta x-xenarji tar-riskju "gross" ta' frodi partikolari li jokkorru, u mbagħad biex jidentifika u jivvaluta l-effettività tal-kontrolli diġà fis-seħħ biex inaqqas dawn ir-riskji ta' frodi milli jseħħu jew billi jiżgura li ma jibqgħux ma jinstabux. Ir-riżultat se jkun riskju attwali "nett" li għandu jwassal għat-twaqqif ta' pjan ta' azzjoni intern meta r-riskju li jifdal huwa sinifikanti jew kritiku sabiex jitjiebu l-kontrolli u tkompli titnaqqas l-espożizzjoni tal-Istat Membru għal konsegwenzi negattivi (pereżempju b'aktar miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, kif meħtieġ - ara l-lista ta' kontrolli ta' mitigazzjoni rakkomandati[7] fl-**Anness 2**).

### 3.2. Il-kompożizzjoni tat-tim ta' awtovalutazzjoni

Skont id-daqs tal-programm u tal-Awtorità Amministrattiva, jista' jkun li kull wieħed minn dawn il-proċessi ta' implimentazzjoni jiġi eżegwit minn dipartimenti differenti fi ħdan l-Awtorità Amministrattiva. Huwa rakkomandat li l-atturi l-iktar rilevanti jieħdu sehem fil-valutazzjoni bil-għan li tkun onesta u preċiża kemm jista' jkun u sabiex tkun tista' ssir b'mod effiċjenti u mingħajr skossi. It-tim ta' valutazzjoni għalhekk jista' jinkludi persunal minn dipartimenti differenti tal-Awtorità Amministrattiva li jkollhom responsabilitajiet differenti, inkluż għażla tal-operazzjonijiet, verifika fuq il-post u mhux fuq il-post u awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet, kif ukoll rappreżentanti mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (CA) u l-korpi ta' implimentazzjoni. L-Awtoritajiet Amministrattivi jistgħu jkunu jridu jikkunsidraw li

[7] Dawn jikkostitwixxu **suġġerimenti mhux vinkolanti** għal kontrolli addizzjonali sabiex ikompli jittaffa r-riskju residwu.

jinvolvu s-Servizzi ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi ('AFCOS') jew korpi speċjalizzati oħra, li tista' ddaħħal kompetenzi speċifiċi kontra l-frodi f'dan il-proċess ta' valutazzjoni.
Billi l-Awtorità tal-Awditjar tivverifika l-valutazzjoni tar-riskju komplut, huwa rrakkomandat li ma tiħux sehem dirett fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-livell ta' skopertura għar-riskju, iżda jista' jkun previst li tipparteċipa fil-proċess ta' valutazzjoni fi rwol konsultattiv jew bħala osservatur.

Għal raġunijiet ovvji, l-awtovalutazzjoni m'għandhiex tiġi esternalizzata billi teħtieġ għarfien tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u tal-benefiċjarji tal-programm.

### 3.3. Frekwenza tal-awtovalutazzjoni

**L-ewwel nett, il-konformità mar-rekwiżiti għal proċeduri adegwati biex jiġu stabbiliti proċeduri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi hija parti mill-kriterji ta' klassifikazzjoni għall-Awtoritajiet Amministrattivi.**

Ir-rakkomandazzjoni hija li din l-għodda għandha timtela kollha fuq bażi annwali, bħala regola ġenerali, jew kull tieni sena. Madankollu, jistgħu ikunu meħtieġa aktar reviżjonijiet regolari tal-progress kontra pjanijiet ta' azzjoni relatati ma' kontrolli addizzjonali li ġew implementati, tibdiliet fl-ambjent tar-riskju u l-adegwatezza kontinwa tal-punteġġi ta' evalwazzjoni (eż. permezz ta' laqgħat ta' tmexxija). Meta l-livell ta' riskji identifikati huwa baxx ħafna u ma jkunu rappurtati l-ebda każ ta' frodi matul is-sena preċedenti, l-Awtorità Amministrattiva tista' tiddeċiedi li tirrevedi din l-awtovalutazzjoni biss kull tieni sena. L-okkorrenza ta' kwalunkwe każ ta' frodi ġodda, jew tibdiliet ewlenin fil-proċeduri tal-Awtorità Amministrattiva u/jew għall-persunal, għandhom immedjatament jwasslu għal reviżjoni tad-djufijiet perċepiti fis-sistema u ta' partijiet rilevanti tal-awtovalutazzjoni.

## 4. GWIDA DWAR IL-ĦTIĠIJIET MINIMI GĦAL MIŻURI KONTRA L-FRODI EFFETTIVI U PROPORZJONALI

Filwaqt li din it-taqsima tipprovdi gwida ġenerali dwar il-prinċipji u l-metodi li għandhom jintużaw mill-Awtoritajiet Amministrattivi għall-ġlieda kontra l-frodi, l-**Anness 2** jipprovdi għal kull riskju speċifiku ta' frodi identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju, kontrolli ta' mitigazzjoni mhux vinkolanti rakkomandati li jkunu jistgħu jiġu stabbiliti sabiex ifittxu li jnaqqsu r-riskji għal livell aċċettabbli.

**L-istandards minimi stabbiliti f'dan il-kapitolu li l-Awtoritajiet Amministrattivi huma rrakkomandati li jikkonformaw magħhom jirrigwardaw iċ-ċiklu kontra l-frodi.**

Sabiex ikun possibbli li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' frodi, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Awtorità Amministrattiva tiżviluppa strateġija strutturata biex tittratta l-frodi. Hemm erba' elementi ewlenin fiċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-prosekuzzjoni. Il-kombinazzjoni ta' valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju ta' frodi, miżuri preventivi u investigattivi adegwati, kif ukoll investigazzjonijiet ikkoordinati u f'waqthom minn korpi kompetenti tista' tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' frodi kif ukoll tipprovdi deterrent adegwat kontra l-frodi.

## 4.1. Il-politika kontra l-frodi

Ħafna organizzazzjonijiet jużaw il-politika kontra l-frodi biex jikkomunikaw id-determinazzjoni tagħhom biex jiġġieldu u jindirizzaw il-frodi. Fi kwalunkwe politika bħal din, li għandha tkun sempliċi u ffukata, is-suġġetti li ġejjin għandhom jiġu koperti:

- Strateġiji għall-iżvilupp ta' kultura kontra l-frodi;
- L-allokazzjoni tar-responsabilitajiet għall-ġlieda kontra l-frodi;
- Mekkaniżmi ta' rappurtar għal suspetti ta' frodi;
- Il-kooperazzjoni bejn l-atturi differenti.

Din il-politika għandha tkun viżibbli fi ħdan organizzazzjoni (imqassma lil kull membru ġdid tal-persunal, inklużi fuq l-intranet) u għandu jkun ċar għall-persunal li hija implimentata b'mod attiv, permezz ta' possibilitajiet bħal aġġornamenti regolari dwar kwistjonijiet ta' frodi u r-rappurtar tar-riżultati ta' investigazzjonijiet dwar frodi. Ara s-suġġeriment ta' mudell ta' politika kontra l-frodi fl-**Anness 3**, li jipprovdi mudell volontarju ta' dikjarazzjoni ta' politika kontra l-frodi għall-benefiċċju ta' dawk l-Awtoritajiet Amministrattivi li jixtiequ jmorru lil hinn minn dawk li huma r-rekwiżiti regolatorji immedjati u jifformalizzaw u jikkomunikaw internament u esternament il-pożizzjoni uffiċjali tagħhom fir-rigward tal-frodi u l-korruzzjoni.

## 4.2. Prevenzjoni

Jekk l-Awtorità Amministrattiva turi impenn ċar biex tiġi miġġielda l-frodi u l-korruzzjoni, tqajjem kuxjenza dwar kontrolli ta' detezzjoni u ta' prevenzjoni tagħha, u hija ddeterminata li tittrażmetti l-każijiet lill-awtoritajiet kompetenti għal investigazzjonijiet u sanzjonijiet, dan se jibgħat messaġġ ċar lil xi awturi potenzjali u tista' tbiddel l-imġiba u l-attitudnijiet lejn il-frodi.

Minħabba d-diffikultajiet biex tiġi ppruvata mġiba frodulenti u t-tiswija ta' ħsara għar-reputazzjoni, ġeneralment huwa preferibbli li tiġi evitata l-attività frodulenti minflok tiġi trattata wara l-avveniment. It-tekniki ta' prevenzjoni ħafna drabi jinvolvu t-tnaqqis ta' possibbiltajiet li titwettaq frodi permezz tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll intern b'saħħitha, flimkien ma' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi proattiva, strutturata u mmirata , iżda jistgħu jintużaw ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ komprensiv u l-iżvilupp ta' "**kultura etika**" kontra kull "razzjonalizzazzjoni" potenzjali ta' imġiba frawdolenti.

L-aqwa difiża preventiva kontra l-frodi hija l-operazzjoni ta' sistema robusta ta' kontroll intern li għandha tiġi mfassla u mħaddma bħala rispons proporzjonat għar-riskji identifikati waqt eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju. Organizzazzjoni għandha madankollu taħdem ukoll biex toħloq l-istrutturi t-tajba u kultura biex tiskoraġġixxi mġiba potenzjalment frawdolenti.




### *4.2.1. Il-kultura etika*

Il-ħolqien ta' kultura kontra l-frodi hija fundamentali kemm biex jiskoraġġixxi lill-persuni potenzjali li jwettqu frodi u wkoll biex ikabbar l-impenn tal-persunal għall-ġlieda kontra l-frodi fi ħdan l-Awtorità Amministrattiva. Din il-kultura tista' tinħoloq permezz ta' taħlita ta' strutturi u oqsma ta' politika speċifiċi kontra l-frodi, kif jidher fit-tieni ċirku fit-tabella u diskussi f'aktar dettall hawn taħt, iżda wkoll permezz tal-ħidma ta' mekkaniżmi aktar ġenerali u mġieba:

- **Dikjarazzjoni tal-missjoni** — espressjoni ċara, viżibbli għall-osservaturi interni u esterni kollha, li l-Awtorità Amministrattiva qiegħda tipprova tilħaq l-ogħla standards etiċi;
- **It-ton minn fuq nett** — komunikazzjoni orali u/jew bil-miktub mill-ogħla livell tal-Awtorità Amministrattiva li l-ogħla standard ta' kondotta etika hija mistennija minn persunal u benefiċjarji (dawn tal-aħħar jistgħu jiġu implimentati permezz ta' ittri ta' għotja u kuntratti);
- **Kodiċi ta' kondotta** - kodiċi mhux ambigwu tal-etika li l-persunal kollu jrid regolarment jiddikjara l-adeżjoni għalih, li jkopri affarijiet bħal:
  - Kunflitti ta' interess — spjegazzjoni u r-rekwiżiti u l-proċeduri għad-dikjarazzjoni tagħhom;
  - Politika ta' rigali u ospitalità — spjegazzjoni u r-responsabilitajiet tal-persunal għall-konformità;
  - Informazzjoni kunfidenzjali — spjegazzjoni u r-responsabilitajiet tal-persunal;
  - Rekwiżiti għar-rappurtar ta' suspett ta' frodi.

Fi ftit kliem, il-persunal għandu jikkonforma mal-prinċipji bħall-integrità, l-oġġettività, il-kontabilità u l-onestà.

### *4.2.2. L-allokazzjoni tar-responsabilitajiet*

Fi ħdan l-Awtorità Amministrattiva, għandu jkun hemm allokazzjoni ċara tar-responsabilitajiet għat-twaqqif tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll li huma konformi mar-rekwiżiti tal-UE u biex jiġi verifikat li dawn is-sistemi jaħdmu b'mod effettiv biex jipprevjenu, isibu u jikkoreġu l-frodi. Dan biex jiġi żgurat li l-atturi kollha jifhmu bis-sħiħ ir-responsabilitajiet u l-obbligi tagħhom, u biex jikkomunikaw kemm internament kif ukoll esternament, lejn benefiċjarji potenzjali kollha tal-programm, li l-organizzazzjoni għandha approċċ koordinat lejn il-ġlieda kontra l-frodi.

### *4.2.3. It-taħriġ u t-tqajjim tal-kuxjenza*

Taħriġ formali u sensibilizzazzjoni jistgħu jiġu inklużi fi ħdan l-organizzazzjoni tal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju globali, kif meħtieġ. Il-persunal kollu jista' jiġi mħarreġ dwar kwistjonijiet kemm teoretiċi kif ukoll prattiċi, kemm biex titqajjem kuxjenza tal-kultura kontra l-frodi tal-Awtorità amministrattiva kif ukoll biex tgħinhom jidentifikaw u jirreaġixxu għal każi suspettati ta' frodi. Dan ikun jista' jkopri d-dettalji ta' kwalunkwe politika kontra l-frodi, ir-rwoli u r-responsabilitajiet speċifiċi u mekkaniżmi ta' rappurtar.

Is-sensibilizzazzjoni tista' issir ukoll permezz ta' mezzi inqas formali, bħal permezz ta' bullettini, powsters, siti tal-intranet jew inklużjoni bħala punt ta' aġenda regolari għal-laqgħat tal-grupp.

### *4.2.4. Is-sistemi ta' kontroll intern*

L-aqwa difiża kontra l-frodi potenzjali hija sistema ta' kontroll intern imfassla tajjeb u mħaddma, fejn il-kontrolli huma ffukati sabiex jimmitigaw b'mod effettiv ir-riskji identifikati.

Verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u l-kontrolli assoċjati fuq il-post għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u mwettqa b'kopertura suffiċjenti. Il-probabbiltà li jinqabdu każijiet potenzjali ta' frodi se tiżdied meta l-verifiki min-naħa tat-tmexxija jsiru bir-reqqa. Il-persunal responsabbli għall-verifiki amministrattivi interni u fuq il-post għandhom ikunu konxji mill-indikaturi ta' frodi tal-Kummissjoni u kwalunkwe gwida nazzjonali (ara hawn taħt).

### *4.2.5. L-analitika tad-dejta u l-għodda ARACHNE*

Biż-żieda fis-sofistikazzjoni tal-ġbir tad-dejta, il-ħażna u l-analitika hemm opportunità fil-ġlieda kontra l-frodi. Fi żmien u b'kont dovut għal-limiti tal-leġiżlazzjoni rispettiva f'kull Stat Membru, l-analitika tad-dejta tista' tintuża f'dan l-istadju b'mod sinifikanti biex isaħħaħ il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji, jagħmel kontroverifika tad-dejta ma' organizzazzjonijiet oħra fis-settur pubbliku jew dak privat (eż l-awtoritajiet tat-taxxa, dipartimenti tal-gvern, awtoritajiet ta' verifika ta' kreditu) u jidentifikaw sitwazzjonijiet ta' riskju potenzjalment għoli anki qabel l-għoti ta' finanzjament.

Fil-qafas tal-ġlieda kontra l-frodi (u irregolaritajiet), il-Kummissjoni toffri għodda speċifika għat-tiftix tad-dejta lill-Awtoritajiet Amministrattivi msejħa ARACHNE sabiex jidentifikaw proġetti li jistgħu jkunu suxxettibbli għal riskji ta' frodi, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet. ARACHNE hija għodda bil-punteġġi tar-riskji li tista' żżid l-effiċjenza fl-għażla tal-proġetti, il-verifiki tal-ġestjoni u l-awditjar, u tkompli ssaħħaħ l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi. Ġiet żviluppata mill-Kummissjoni u hija partikolarment adattata għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji ta' frodi fil-Fondi, inkluż, fost oqsma oħra, l-akkwist pubbliku, qasam partikolarment suxxettibbli għal frodi u irregolaritajiet, bħal offerti kollużivi.

Permezz tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Dejta, fis-17 ta' Mejju 2013 l-Kummissjoni ppreżentat in-notifika meħtieġa għal verifika minn qabel dwar l-ipproċessar tad-dejta personali lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta li, wara verifika bir-reqqa tal-bażi legali rilevanti, ħareġ opinjoni pożittiva fis-17 ta' Frar 2014 fir-rigward tal-konformità ta' ARACHNE mad-dispożizzjonijiet tar- Regolament (KE) Nru 45/2001[8]. Dan kien jinkludi ċerti kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' dejta sabiex tiġi żgurata n-neċessità, il-proporzjonalità u l-kwalità tagħhom. Rakkomandazzjonijiet oħra kienu relatati maċ-ċiklu ta' reazzjoni biex jiżguraw il-preċiżjoni tad-dejta, miżuri biex tiġi żgurata l-kwalità għolja tad-dejta, analiżi każ b'każ tat-trasferimenti tad-dejta lill-OLAF u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, it-tħassir tad-dejta wara perjodu ta' żmien raġonevoli u informazzjoni lis-suġġetti tad-dejta. Dawn il-kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet kollha qed jiġu analizzati bir-reqqa fid-dawl tal-implimentazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.

L-użu korrett ta' ARACHNE se jitqies mill-Kummissjoni bħala prattika tajba sabiex jiġu identifikati bnadar ħomor u miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi, u għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tiġi vvalutata l-adegwatezza ta' kontrolli preventivi u investigattivi attwali fis-seħħ. L-għodda ser tiġi introdotta gradwalment fl-2014 għal dawk l-Istati Membri kollha li b'mod volontarju jiddeċiedu li jimplimentaw dan sabiex itejbu aktar il-kontrolli tagħhom ta' ġestjoni kontra r-riskju ta' frodi. Għall-kuntrarju ta' approċċ "tajjeb għal kulħadd", din id-Deċiżjoni tista' wkoll tvarja minn Stat Membru għall-ieħor u anke fi ħdan programmi differenti/reġjuni fi Stat Membru, minħabba li, abbażi taċ-ċifri li jidhru fl-aħħar rapport PIF,[9] is-sitwazzjoni fattwali f'termini ta' frodi detetti u rrappurtati lill-Kummissjoni wkoll tvarja ħafna fost l-Istati Membri.

### 4.3. Detezzjoni u rappurtar

It-tekniki ta' prevenzjoni ma jistgħux jipprovdu protezzjoni assoluta kontra l-frodi u għalhekk l-Awtorità Amministrattiva teħtieġ sistemi li jiskopru mġiba frodulenti f'waqtha. Dawn it-tekniki jinkludu proċeduri analitiċi biex jenfasizzaw anomaliji (eż. għodod għall-estrazzjoni ta' dejta, bħall-għodda ARACHNE), mekkaniżmi ta' rappurtar b'saħħithom u valutazzjonijiet tar-riskju kontinwi.

---

8 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

9 Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Il-ġlieda kontra l-frodi — Ir-Rapport Annwali tal-2012. COM(2013)548 finali, 24.7.2013.

Kultura etika qawwija u sistema soda ta' kontroll intern ma jistgħux jipprovdu protezzjoni assoluta kontra dawk li jwettqu l-frodi. Strateġija kontra l-frodi għandha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni li l-każijiet ta' frodi xorta jistgħu jseħħu, u għalhekk sensiela ta' miżuri għad-detezzjoni ta' frodi, għandhom ikunu mfassla u implimentati.

### 4.3.1. L-iżvilupp ta' mentalità xierqa

L-Awtorità Amministrattiva tista' tindirizza r-riskji ta' frodi b'tekniki speċjalizzati u ffukati permezz ta' individwi magħżula li jkollhom ir-responsabilità għat-twettiq tagħhom. Barra minn hekk, dawk kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' finanzjament strutturali għandhom rwol fl-identifikazzjoni ta' attività potenzjalment frodulenti u mbagħad jaġixxu fuqha. Dan jeħtieġ il-kultivazzjoni ta' mentalità xierqa. Livell tajjeb ta' xettiċiżmu għandu jkun imħeġġeġ, flimkien ma' sensibilizzazzjoni aġġornata ta' x'jista' jikkostitwixxi sinjal ta' twissija ta' frodi potenzjali.

### 4.3.2. L-indikaturi ta' frodi (il-bnadar ħomor)

Indikaturi tal-frodi huma sinjali jew 'bnadar ħomor' aktar speċifiċi li attivitajiet ta' frodi qed iseħħu, meta hija meħtieġa risposta immedjata li tivverifika jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri.

Indikaturi jistgħu jkunu wkoll speċifiċi għal dawk l-attivitajiet li ta' spiss qed iseħħu taħt programmi ta' fondi strutturali, bħalma huma l-akkwisti u l-ispejjeż tax-xogħol. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni pprovdiet l-informazzjoni li ġejja għall-Istati Membri:

- *COCOF 09/0003/00 tat-18.2.2009 - Nota ta' Informazzjoni dwar Indikaturi ta' Frodi għall-FEŻR, l-FSE u l-FK*
- *Il-Kompendju tal-OLAF ta' Każijiet Anonimizzati - Azzjonijiet Strutturali*
- *OLAF gwida prattika dwar il-kunflitt ta' interess*
- *OLAF gwida prattika dwar dokumenti falsifikati*

Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom jinqraw fid-dettall u l-kontenut għandu jingħata pubbliċità wiesgħa fost il-persunal kollu li huwa f'pożizzjonijiet fejn jista' jidentifika mġiba bħal din. B'mod partikolari, dawn l-indikaturi għandhom ikunu familjari għal dawk kollha li jaħdmu fi rwoli li jinvolvu l-eżami ta' attivitajiet ta' benefiċjarju, bħal dawk li jwettqu verifiki amministrattivi interni jew fuq il-post jew żjarat oħra ta' monitoraġġ.

### *4.3.3. Mekkaniżmi ta' rappurtar*

L-istabbiliment u l-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' rappurtar ċari huwa element ewlieni ta' prevenzjoni, kif ukoll ta' detezzjoni. Il-mekkaniżmi bħal dawn għandhom jiffaċilitaw ir-rappurtar ta' suspetti ta' frodi u jikkontrollaw ukoll dgħufijiet li jistgħu jżidu mas-suxxettibbiltà tal-Awtorità Amministrattiva għall-frodi. L-Awtoritajiet Amministrattivi għandu jkollhom mekkaniżmi ta' rappurtar ċari li jiżguraw **koordinazzjoni suffiċjenti dwar kwistjonijiet ta' kontra l-frodi mal-Awtorità tal-Awditjar u l-awtoritajiet investigattivi kompetenti fl-Istat Membru**, inklużi awtoritajiet ta' kontra l-korruzzjoni.

Rappurtar lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' miżuri effettivi kontra l-frodi u kwalunkwe każi suspettati ta' frodi se jkunu parti minn rapport annwali fil-

qosor u l-opinjoni tal-ġestjoni tal-Awtorità Amministrattiva. Ir-rapport ta' kontroll annwali tal-Awtorità tal-Awditjar se jinkludi wkoll taqsima dwar suspetti ta' frodi identifikati matul is-sena.

Komunikazzjoni u taħriġ mal-persunal dwar dawn il-mekkaniżmi ta' rappurtar għandhom jiżguraw li huma:

- jifhmu meta' għandhom jirrappurtaw suspetti ta' imġiba frawdolenti jew kontroll;
- huma fiduċjużi li tittieħed azzjoni fuq dawn is-suspetti mill-maniġment;
- huma fiduċjużi li jistgħu jirrappurtaw b'mod kunfidenzjali u li l-organizzazzjoni ma tittollerax ritaljazzjoni kontra kwalunkwe membru tal-persunal li jirrapporta suspetti.

Suspett ta' frodi għandu jiġu rrapurtat lill-OLAF mill-awtorità maħtura mill-Istat Membru f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 122 CPR. Barra minn hekk, il-benefiċjarji għandhom ikunu konxji dwar kif jistgħu jindirizzaw lill-OLAF b'kull informazzjoni li jista' jkollhom.[10]

## 4.4. L-investigazzjoni, il-korrezzjoni u l-prosekuzzjoni

Ladarba jitqajjem suspett ta' frodi u rrappurtat kif suppost, l-Awtorità Amministrattiva għandha titrasmetti l-każ lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru għal investigazzjoni u sanzjonijiet, inkluż awtoritajiet ta' kontra l-korruzzjoni fejn rilevanti, u tinforma lill-OLAF b'dan.

L-Awtorità Amministrattiva għandha twettaq rieżami bir-reqqa u kritiku ta' kull sistema ta' kontroll intern li setgħet esponietha għall-frodi potenzjali jew vera.

Meta jkun inkixef u rrappurtat każ ta' suspett ta' frodi skont ir-rekwiżiti interni u dawk tal-UE, sabiex il-korp kompetenti jkun jista' jagħmel valutazzjoni dwar jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni, għandhom iseħħu l-irkupru u prosekuzzjoni kriminali, kif rilevanti.

### *4.4.1. L-irkupru u l-prosekuzzjoni kriminali*

L-irkupru ta' pagamenti li ma kellhomx isiru, mill-benefiċjarji huwa meħtieġ mill-Awtoritajiet Amministrattivi u l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni u għalhekk għandhom jiżguraw li jkollhom proċessi b'saħħithom f'posthom biex issegwi kwalunkwe rkupri potenzjali tal-fondi tal-UE li ntefqu b'mod frodulenti. Dawn il-proċessi għandhom ikunu ċari wkoll dwar il-każijiet li fihom se jinfetħu proċeduri ċivili u kriminali. **L-implimentazzjoni ta' tali sanzjonijiet, u l-viżibilità ta' dawn, huma deterrent importanti għal min beħsiebu jwettaq frodi** u għalhekk l-Awtorità Amministrattiva trid tkun determinata fl-insegwiment ta' dawn ir-riżultati.

[10] COCOF 09/0003/00 tat-18.2.2009 — Nota ta' Informazzjoni dwar indikaturi ta' frodi għall-FEŻR, il-FSE u l-FK, fiha wkoll informazzjoni dwar proċeduri ta' rappurtar.

*4.4.2. Is-segwitu*

Ladarba tkun ġiet konkluża l-investigazzjoni ta’ frodi mill-awtoritajiet kompetenti, jew mogħtija f’idejn l-awtoritajiet rilevanti għall-insegwiment, għandha ssir reviżjoni tal-proċessi, proċeduri jew kontrolli konnessi ma’ frodi potenzjali jew reali. Din għandha tkun oġġettiva u awtokritika u għandha tirriżulta f’konklużjoni ċara dwar id-djufijiet u l-lezzjonijiet meħuda, b’azzjonijiet ċari, individwi responsabbli u iskadenzi. Dan għandu jikkontribwixxi wkoll għal reviżjoni sussegwenti ta’ awtovalutazzjoni, kif indikat fit-taqsima 3.3 hawn fuq.

Għandha tiġi żgurata kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet investigattivi, tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji, b’mod partikolari billi jinżammu fajls li jikkonċernaw każijiet ta’ frodi f’postijiet sikuri u jkun hemm trasferiment xieraq f’każ ta’ mobilità tal-persunal.

## 5. AWDITU MILL-AWTORITÀ TAL-AWDITJAR TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU TAL-FRODI TAL-AWTORITÀ AMMINISTRATTIVA U L-MIŻURI KONTRA L-FRODI TAGĦHA

### 5.1. Il-lista ta’ kontroll għall-Awtorità tal-Awditjar

Proposta għal lista ta' kontroll dwar il-konformità tal-awtorità amministrattiva (u tal-korpi intermedjarji tagħha) mal-Artikolu 125(4)(c) CPR għall-awditu mill-Awtorità tal-Awditjar tinsab fl-**Anness 4**. Din tista’ tkun parti mill-listi ta’ kontroll użati għal verifiki tas-sistema tagħha mill-Awtorità tal-Awditjar.

Il-lista ta’ kontroll tista' tintuża wkoll mill-entità indipendenti inkarigata li tivvaluta s-sistema ta’ ġestjoni u kontroll għall-finijiet ta’ ħatra skont l-Artikolu 124(2) CPR.

### 5.2. Il-frekwenza ta’ verifika mill-Awtorità tal-Awditjar

Fir-rigward ta’ awditi dwar il-funzjonament tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll, l-Awtorità tal-Awditjar għandha twettaq verifiki għall-implimentazzjoni effettiva ta’ miżuri kontra l-frodi mill-Awtorità Amministrattiva kemm jista’ jkun kmieni fil-perjodu ta’ programmazzjoni[11]. Skont ir-riżultati tal-awditjar u fuq l-ambjent tar-riskju ta’ frodi identifikat, l-awditjar ta’ segwitu jista' jitwettaq kull meta jkun meħtieġ. F’xi każijiet dan jista’ jinvolvi awditi annwali ta' segwitu, skont is-serjetà ta’ suspetti ta’ frodi għal kull programm. Hawnhekk ukoll huwa rrakkomandat approċċ immirat u proporzjonat (relatat ma’ riskju). Il-konklużjonijiet għandhom jiġu inklużi fir-rapport ta’ kontroll annwali tal-Awtorità tal-Awditjar.

L-Awtorità tal-Awditjar għandha wkoll tirrevedi sistematikament l-implimentazzjoni ta’ miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi fil-livell ta’ korpi intermedji, bħala parti mis-sistema ta’ verifika tagħha.

[11] Fir-rigward tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, fejn mhuwiex possibbli li Awtorità tal-Awditjar waħda biex tagħmel dan, grupp ta’ awdituri għandu jassisti lill-Awtorità tal-Awditjar.